MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 98/2014

**Executive Services Limited**

**(C 6533)**

**Vs**

**Lapira Daren**

**ID 466779M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Frar, 2014 is-socjeta' esponenti tesponi bir-rispett: illi hija kreditrici tal-intimat fl-ammont ta' erba' mija u tnejn u sebghin euro centezmu (€472.00) rapprezentanti uzu ta' servizzi ta' riklamar provdut mis-socjeta' esponenti fuq ordni tieghu stess, f'rivista lokali, u dan kif jidher mill-fattura annessa u mmarkata 'Dok A'.

Illi ntbaghtet ittra ufficjali bin-numru 2550/13 (Dok B) datata 29 ta' Ottubru, 2013 sabiex l-intimat jersaq ghall-hlas, liema talba giet respinta.

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti umilment titlob li dan l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara l-initmat debitur fis-somma ta' erba' mija u tnejn u sebghin ewro (€472.00)

2. Tordna lill-initmat ihallas l-ammont dovut.

Bl-ispejjez kollha inkluz l-ittra ufficjali u l-interessi legali kollha.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-7 ta' Mejju, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tas-7 ta' Mejju, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ erba' mija u tnejn u sebghin ewro (€472.00) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avvizz sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali, ikunu a karigu tal- konvenut

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------